MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 4/2005

**Rene` Savona Ventura**

**vs**

**Crosscraft Ltd - Clyde Farrugia**

**Il-Qorti,**

Bis-sentenza taghha tat-22 ta' Marzu 2006 f' din l-istess kawza l-Qorti kienet stabbiliet illi l-kwestjoni involuta tas-solidita` tal-materjal uzat fil-caravan komprat mill-attur kienet tali li tirrikjedi konoxxenza teknika specifika. Ghal dan il-fini ghaddiet biex innominat espert ha jipprovdilha l-parir tekniku tieghu;

Hu wisq ragonevoli illi la darba ammessa u espletata, il-perizja tqieghed ghad-disposizzjoni tal-partijiet, u wkoll tal-Qorti, fonti oggettiva ta' prova u strument ta' valutazzjoni teknika tal-fatt ikkontestat. Dan hu sew pacifiku minn

ezami ta’ bosta decizjonijiet fuq dan il-punt. Ara ad ezempju “**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emmanuele Muscat *et***”, Appell, 23 ta’ Gunju 1967 u “**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo *et nomine***”, Appell, 29 ta’ Mejju 1998;

Issa fil-kaz in ispecje l-espert mahtur iddetermina fuq l-istregwa ta’ l-ispezzjonijiet vizwali u mikroskopici kif ukoll fuq l-attendibilita` tat-testijiet kondotti minn laboratorju fl-Ingilterra illi l-materjali komponenti s-saqaf tal-caravan *de quo* kienu sew skond l-i*specifications*, sew ukoll fil-limiti ta’ l-i*standards* approvati u internazzjonalment rikonoxxuti. Ghal kweziti mbaghad sottoposti lilu in eskussjoni, sintetikament l-istess espert ipprovda dawn ir-risposti:-

(i) L-elementi diversi tal-komposizzjoni huma mahsuba ghal finijiet differenti, bhal “*corrosion, strength* u *resistance*”;

(ii) Jezistu certi *standards* li ma jahsbux ghal certi “*alloys*” fil-komposizzjoni mentri ohrajn jinkluduhom;

(iii) Id-differenza bejn l-analisi tas-*sample* estratt mill-caravan in kwestjoni u l-i*standards* hi dovuta ghal “*trace elements*” li ma jigux “*measured*”;

(iv) Il-materjal ta’ l-istess caravan kien kompatibbli ma’ dawk ta’ EN AW-3005/ISO;

Irid jinghad li ghall-iskop tal-perizja tieghu l-espert ma illimitax ruhu sempliciment ghall-verifiki minnu maghmula u ghall-accertamenti tat-testijiet tal-laboratorju imma fittex sostenn accessorju minn dokumenti ri-entranti fl-ambitu strettament tekniku tal-materja ezaminata;

Issa gie rilevat aktar ‘il fuq illi trattasi ta’ perizja teknika, l-opinjoni jew konstatazzjoni ta’ l-espert fuq il-punt tekniku tikkostitwixxi prova oggettiva. Huwa veru li kif jinghad fl-Artikolu 681 tal-Kodici ta’ Procedura l-Qorti ma hijiex tenuta taccetta l-konkluzjoni ta’ l-espert kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. Minn naha l-ohra lanqas, pero`, ma tista’ leggerment tiddiskosta ruhha minnha jekk ma ssibx fuq il-pjan tekniku li din hi inattendibbli jew konfliggenti mad-dettami tax-xjenza specjalizzata in

materja. Ikollu jizdied illi ebda gudikant ta' dehen, anke jekk munit b' konjizzjoni xjentifika partikulari ma jazzarda jponi din l-istess konoxxenza individwali tieghu tal-materja fuq dik ta' l-espert u tat-testijiet accertati meta tkun tonqos fih dik l-*expertise* necessarja li kapaci tikkonfuta b' motivazzjoni kongruwa u sobrija r-ragunijiet ta' l-istess konsulent tekniku minnha maghzul. *Multo magis*, imbaghad, fejn il-Qorti tkun, bhal fil-kaz prezenti, ghal kollox profana mix-xjenza tal-metallurgija. Hu l-kaz ghalhekk li l-perizja tipprevali u l-konluzjoni fiha adottata;

Punt ta' l-ahhar. L-attur donnu jissuggerixxi, ghallanqas mill-kontenut ta' certi kweziti fl-eskussjoni, illi l-caravan minnu mixtri kellu ghal dik li hi l-komposizzjoni tieghu jikkorrispondi ghal dawk tal-"*compounds* 3105 u mhux 3005". Ikollu jinghad fuq dan illi minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-ftehim kien espressament jahseb ghal dan. Effettivament lanqas ma jsemmi li l-caravan kellu jikkorrispondi ghal dak 3005. Jippreciza biss il-mudell tieghu ossija dak maghruf bhala Knauss Sport 400 LK, u xejn aktar minn hekk. Minn imkien ma gie provat mill-attur illi tali mudell kellu jkun wiehed b' materjali korrispondenti ghal dak skond EM AW-3105. Anke ghal din ic-cirkustanza l-Qorti ma tistax hlief tuniforma ruhha ghal konkluzjoni tal-perizja.

Ghall-motivi kollha superjorment espressi din il-Qorti qed tichad it-talba ta' l-attur, appellat fid-decizjoni l-ohra moghtija fl-istess ismijiet, bl-ispejjez kollha gudizzjarji jitbatew minnu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------